MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Numru. 499/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**MICHAEL SULTANA ta' 37 sena, iben Angelo u Jane nee' Ciantar, imwieled Tal-Pieta' nhar it-23 ta' April, 1975, residenti fil-fond Villa Difesa, Triq Santa Klara, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 232575M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Michael Sultana** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, gewwa l-fond kamra go gardina, sitwata fi Sqaq Numru 4, Triq il-Karmnu, Hal-Luqa, nhar il-

Gimgha 24 ta' Awwissu, 2001 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu bhall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' numru ta' CDs foloz u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra, protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh jew qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenzja, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-Avviz Legali 120/1992;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, minghajr il-Licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm fil-kamra gewwa gnien sitwat go Sqaq numru 4, Triq il-Karmnu, Hal-Luqa, arma tan-nar tal-marka Raven .25, kif ukoll munizzjon, u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, bi ksur tal-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, wara tfittxija li saret mill-pulizija, f'kamra go gardina fi Sqaq Numru 4, Triq il-Karmnu, Luqa, instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar tat-tip Automatic Pistol, tal-marka Raven, mudell MP 25 kalibru .25, numru tas-serje 768014; u kif ukoll six live rounds Win kalibru .25. Din il-pistola u l-munizzjon, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti, ghandhom valur totali ta' Lm25.00,0, Dazju Lm2.07,4, liema dazju ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat. Dan bi ksur tal-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), u kif ukoll Paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fl-istess data, lok, u cirkostanzi, wara tfittxija li saret f'kamra go gardina fi Sqaq Numru 4, Triq il-Karmnu, Luqa, instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu jew kellu fil-kontroll tieghu arma tan-nar tat-tip automatic pistol, kif ukoll sitt live rounds kalibru .25. L-imsemmija pistola u balal li l-importazzjoni taghhom hija kawtelata jew ristretta, li ghandhom valur ta' Lm25.60, Dazju Lm2.07,4, u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud li tammonta ghal Lm4.15, liema taxxa ma gietx imhallsa jew kawtelata bi ksur tal-Artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kwerela ezebita minn Dr Patrick Galea, Dok PG a folio 49.

Rat ukoll il-letter to prosecute mahruga f'isem il-Kummissarju tal-VAT a folio 50. Rat ukoll is-seizure note (nota ta' qbid) ezebita f'isem il-Kontrollur tad-Dwana a

folio 7. Rat ukoll f'dan ir-rigward il-letter to prosecute mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana, a folio 6 Dok JB1.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in partikolari r-rizultanzi tar-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, Dok MB folio 104.

Rat ukoll li maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ghazel illi jirregistra ammissjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena, b'mod saljenti tad-Difiza li sahhet li llum l-imputat m'ghadux f'dak il-generu ta' xoghol, u ghalhekk m'ghandux ibaghti piena karcerarja.

Illi wara li qieset il-fedina penali tieghu, qieghda fl-ewwel lok issib htija wara li rat l-Artikoli 18, 298(1)(f), 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; A.L. 120/1992; Artikoli 3, 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 62, u Paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, qieset ukoll it-trattazzjonijiet mismugha, u qieghda tikkundanna lil Michael Sultana ghal sena habs sospiza ghal sentejn, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ihallas il-multa ta' €933.40 (Kapitolu 37 u Kapitolu 406);
Tordna wkoll il-konfiska ta' kull CD determinat bhala non-compliant skond ir-relazzjoni Dok MB; kif ukoll ta' kull arma u munizzjon ezebita.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €343.56.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------